MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 1902/2000/1

**Caxton Printshop Limited**

**vs**

**Valletta Audio Vision Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici Caxton Printshop Limited ippremettiet:-

Illi hi kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tlett elef mija u seba u disghin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm3,197.25) rappresentanti il-bilanc dovut fuq il-prezz ta' xoghol ta' stampar effettwat mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenut.

Illi ghalkemm debitament interpellata biex thallas dan l-ammont is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi l-ammont mitlub huwa cert, liwidu u dovut.

Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob, dispensat is-smiegh tal-kawza skond l-Artikou 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta’ tlett elef mija u seba u disghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm3,197.25).

Bl-ispejjez inkluz ta’ ittra ufficjali datata 25 ta’ Jannar 2000, u bl-imghax legali mid-data ta’ hrug tal-invoices relattivi sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konferrmata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat l-affidavit ta’ Richard Schembri ghan-nom u in rappresentata tas-socjeta attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Valletta Audio Visual Ltd. fejn gie eccepit:-

Illi preliminarjament it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez bhala nulla ai termini ta’ l-artikolu sebgha mija u disgha u tmenin (789) sub-artikolu wiehed (1) paragrafu (d) tal-Kap 12 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta, ghar-raguni li c-citazzjoni attrici ma tikkontjenix ‘tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba‘ ai termini ta’ l-artikolu mija u sitta u hamsin (156) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a), kif ukoll meta kunsidrata flimkien mad-dokumenti esebiti mis-socjeta’ attrici a fol. 6, sa 14 ta’ dan il-process, biex b’hekk qed jigi kompletament ippregudikat id-dritt tas-socjeta’ konvenuta li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha inkluzi eccezzjonijiet dilatorji u/jew perentorji u konsegwentement ukoll, ghar-rigward tal-proviso ta’ l-artikolu 789(1)(d) tal-Kap. 12, kull tentattiv ta’ tibdil jew kjarifika f’dan l-istadju li jkollu l-effett li jbiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza, ghandu

jigi michud skond il-proviso ta’ l-artikolu 175 (1) tal-Kap 12;

Illi fit-tieni lok, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante x-xoghol fuq il-video covers li huwa indikat fuq fatturi varji qatt ma sar tajjeb u skond is-sengha, u fil-fatt kien tant difettuz li ma kienx kummercjabli u inoltre xoghol iehor fuq stickers indikat f’xi fatturi qatt ma sar, tant hu hekk li s-socjeta’ attrici kienet qablet li ma tinsistix ghall-pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet ghad-danni tas-socjeta konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta konvenuta fejn gie sottomess:-

Illi fis-seduta tad- 9 ta’ Jannar 2001 il-Qorti ordnat lis-socjeta konvenuta sabiex sas-seduta li tmiss tippresenta nota ta’ kjarifika ta’ l-eccezzjoni preliminari taghha.

Illi s-socjeta konvenuta eccepiet preliminarjement is-segwenti – “it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez bhala nulla ai termini ta’ l-artikolu sebgha mija disgha u tmenin (789) subartikolu wiehed (1) paragrafu (d) ta’ l-Kap 12 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta, ghar-raguni , li c-citazzjoni attrici ma tikkontjenix tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba ai terminu ta’ l-artikolu mija u sitta u hamsin (156) subartikolu wiehed paragrafu (a), ukoll meta kunsidrata flimkien mad-dokumenti esebiti mis-socjeta’ attrici a fol.6,sa 14 ta’ dan il-process, biex b’hekk qed jigi kompletament ippregudikat id-dritt tas-socjeta’ konvenuta li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha inkluzi eccezzjonijiet dilatorji u/jew perentorji u konsegwentement ukoll, ghar-rigward tal-proviso ta’ l-artikolu 789(1) (d) tal-Kap 12, kull tentattiv ta’ tibdil jew kjarifika f’dan l-istadju li jkollu l-effett li jbiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza, ghandu jigi michud skond il-proviso ta’ l-artikolu 175(1) ta’ l-Kap 12.

Illi l-punti kardinali li s-socjeta’ konvenuta tixtieq tqajjem in linja ta’ kjarifika ta’ din l-eccezzjoni preliminari taghha huma s-segwenti:-

Mill-att ta’ citazzjoni kif ukoll mid-dokument annessi ma’ l-istess johrog li minn Dicembru ta’ l-1997 sa Gunju ta’ l-1999 is-socjeta’ attrici provdiet xoghol ta’ stampar favur is-socjeta’ konvenuta.

Il-dokument markat “B” anness ma’l-att ta’ citazzjoni gie deskritt bhala ‘Invocices’ fin-nota ta’ dokumenti ta’ s-socjeta attrici u jikonsisti f’kopji ta’ fatturi esebiti a fol 6 sa’ 13 ta’ dan il-process, filwaqt li d-dokument markat’C’ anness ma’ l-imsemmi att ta’ citazzjoni gie deskritt bhala ’Prospett’ fin-nota ta’dokumenti ta’ s-socjeta attrici , u jikkonisisti f’kopja ta’ prospett esebit a fol 14 ta’ dan il-process.

Min-naha taghha is-socjeta konvenuta esebiet zewg dokumenti (markati A u B rispettivament), li jikkonisistu f’prospetti ohra mahruga mis-socjeta attrici.

Mill-kopji ta’ fatturi esebiti mis-socjeta attrici, jidher li l-mertu ta’ talba taghha tikkonsisi fis-segwenti:-
a)fattura numru 184 datata 20 ta’ Lulju 1998, amontanti ghal Lm378.00,0;
b)fattura numru 202, datata 10 ta’ Ottubru 1998, ammontanti ghal Lm302.40.0;
c)fattura numru 221 datata 16 ta’ Dicembru 1998, ammontanti ghal Lm829.50.0;
d)fattura numru 223, datata 16 ta’ Dicembru 1998, ammontanti ghal Lm3496.50.0;
e)fattura numru 9 , datata 2 ta’ marzu 1999, ammontanti ghal Lm109.25.0;
f) fattura numru 15, datata 18 ta’ Marzu 1999, ammontanti ghal Lm40.25.0;
g)fattura numru, 26, datata 7 ta’ April 1999, ammontanti ghal Lm1401.85.0;
h)fattura numru 63, datata 28 ta’ Gunju 1999, ammontanti ghal Lm143.75.0;

L-ewwel inkonstistenza fattwali fit-talbiet attrici hija dik li filwaqt li t-total ta' l-fatturi hawn fuq indikati jammonta ghal Lm6701.50.0 il-kawza giet presentata ghall-hlas ta' somma kapitali ta' Lm3197.25, liema huma, allura dawk il-fatturi jew bilanci fuq fatturi li s-socjeta qed tallega li ghadhom pendenti?

Jekk wiehed ihares lejn il-prospett (dok C) esebit mis-socjeta attrici l-istampa li tohrog hija wahda neboluza ghall-ahhar fejn addirittura qed jidher bilanc dovut ta' Lm1502.15 biss. Di pju' skond dan il-prospett (li jinkludi annontamenti) maghmula minn Richard Schembri rappresentant legali tas-socjeta attrici, qed jerghhu jigu ndikati bhala pendenti s-segwenti:-

a) fattura numru 184 (20 ta' Lulju 1998-Lm378.00.0);
b) fattura numru 202 (10 ta' Ottubru 1998-Lm302.40.0)
c) fattura numru 223(16 ta' Dicembru 1998-Lm3496.50)

Is-sitwazzjoni ssir aktar kumplikata meta wiehed jezamina l-kopji ta' prospetti attrici esebita mis-socjeta konvenuta (u kontenenti ammontamenti ulterjuri ta' Richard Schembri nomine) minn fejn jidher li issa s-sitwazzjoni hija s-segwenti;-

a)mill-fattura numru 184 (20 ta' lulju 1998) l-ammont pretiz kien biss ta' Lm78.00.0;-
b)mill-fattura numru 202(10 ta' Ottubru 1998), l-ammont pretiz kien biss ta' Lm2.40.0-ara dok B;
c)il-fattura numru 223 (16 ta' Dicembru 1998) giet mhallsa in toto.
Izda allura jekk dan huwa l-kaz, l-ammont allegatament dovuti jammontaw ghal Lm2605.25.0 cioe' t-total ta' l-fatturi numri 9, 15, 26, 63 ta' l-1999 (Lm1695.35,0) flimkien ma' bilanc ta' Lm78.00.0 fuq fattura numru 184, bilanc ta' Lm2.40.0 fuq fattura numru 202, u Lm829.50.0 skond fattura numru 221, it-tlieta ta' l-1998. Dan jikkunrtasta ma' l-pretesnjonijiet attrici ghall-hlas ta' Lm3197.25.0;

Minn dan kollu johrog zewg konsegwenzi l-ewwel wahda fattwali u t-tieni wahda legali:-

a) fattwalment dak li Anthony Bartolli ghan-nom ta' s-socjeta konvenuta ddikjara fit-tieni paragrafu ta' dikjarzzjoni tieghu u cioe' li il-pretensjonijiet attrici m'huma cari xejn u anzi huma konfliggenti , tant hu hekk li l-istess (Bartolo) ma jafx liema huma l-fatturi li in konnessjoni mahhom is-socjeta attrici qed tivvanta xi drittijiet, u
b)legalment dak li c-citazzjoni attrici assolutament ma tikkontejenix 'tifsir car u sewwa ta' l-ogetta u r-raguni tat-talba 'ghall-iskopijiet ta' artikolu 156(1(a) ta' l-Kap 12. Dan allura jghati lok ghall-applikazzjoni ta' d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 789 (1) (d)ta' l-Kap 12 fic-citazzjoni partikolari ta' dan il-kaz fejn l-effetti ta' n-nuqqasijiet attrici huma li d-drittijieta ta' s-socjeta konvenuta tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha , sija dilatroji/perentorji kif ukoll dawk fuq il-mertu, qed jigu kompletament ippregudikati. Fil-fatt, fic-cirkostanzi s-socjeta konvenuta ma kellhiex triq ohra ghajr dik li tipprezenta din l-eccezzjoni preliminari flimkien ma' l-eccezzjoni generika fuq il-mertu presentata fit-tieni lok, u dan kollu 'salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi. Izda fuq dan l-ahhar punt jistghu jesistu eccezzjonijiet in limine litis li f'dan l-istadju s-socjeta konvenuta ma tistax tipprevalixxi ruhha minnhom u dan ukoll a pregudizzju taghha. Fl-ahharnett, is-socjeta konvenuta tirrileva li stante li ppresentat din l-eccezzjoni preliminari , allur f'dan l-istadju kull tentattiv ta' tibdil jew kjarifika li f'dan l-istadju is-socjeta attrici tista' titlob ai termini ta' l-artikolu 1759(1) tal-Kap 12 ghandu jigi repint peress illi dan ikollu l-effett li jbiddel fis-sustanza l-azzjoni , jew inkella l-eccezzjoni fuq il-mertu ta' l-kawza.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta attrici fejn gie sottomess fir-rigward tan-nota ulterjuri tal-konvenut:-

Illi s-seduta tal-15 ta' Jannar 2002, il-Qorti ordnat lis-socjeta attrici sabiex sas-seduta li jmiss tipptezenta n-nota tal-osservazzjonijiet fir-rigward tal-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

Illi s-socjeta attrici tixtieq taqajjem s-segwenti punti:
i)Id-dokument immarkat C anness ma' l-att tac-citazzjoni u li gie deskritt bhala "Prospett" u esebit a Fol 14 ta' dan il-

process , jirrigwarda l-bilanc dovut fuq il-invoices sad-data tas-16 ta’ Dicembru 1998 jigifieri:
Lm21 bilanc dovut fuq l-Invoices bin-numru 167.
Lm271.25 bilanc dovut fuq l-Invoice bin-numru 181.
Lm378 l-ammont totali tal-Invoices bin-numru 184.
Lm302.40 l-ammont totali tal-Invoices bin-numru 202.
Lm829.50 l-ammont totali tal-Invoices bin-numru 221 u
Lm,3496.50 l-ammont totali tal-Invoices bin-numru 223.
Li, ikoll flimkien jammontaw ghas-somma ta; Lm5298.65 li minnhom iridu jitnaqqsu Lm3796.50 bhala pagamenti li saru mis-socjeta konvenuta fis-sena 1999 u ghalhekk jirrizulta bilanc dovut ta’ Lm1502.15 kif imnizell fl-istess dokumnet.

ii) Mas-somma hawn fuq imsemmija ta’ Lm1502.25 ghandha tizdied s-somma ta’ Lm1695.10 jigifieri t-total ta’ Invoices mahruga mit-2 ta’ Marzu 1999 sa 28 ta’ Gunju 1999 li huma ezebiti rispettivament a Fol 10 sa Fol 13 tal-process.

| | | |
|---|---|---|
| FOL 10 INV:9 | 2 TA’ MARZU 1999 | Lm109.25 |
| FOL 11 INV:15 | 18 Ta’Marzu 1999 | Lm40.25 |
| FOL 12 INV:26 | 7 Ta’ April 1999 | Lm1401.85 |
| Fol 13 INV:63 | 28 Ta’ Gunju 1999 | Lm143.75 |

iii) Ghalhekk s-sorte tal-kawza, kif indikat fl-att tac-citazzjoni huwa ta’ Lm3197.25 (it-total ta’ Lm1502.15 u Lm 1695.10), il-bilanc dovut fuq il-prezz ta’ stampar effetwat mis-socjeta attrici.

iv) Ghaldaqstant dak li Anthony Bartolo ghan-nom tas-socjeta konvenuta ddikjara fit-tieni pargarafu tad-dikjarzzjoni tieghu u cioe li ‘l-pretenzjonijiet attrici m’huma cari xejn u anzi huma konfliggenti, tant hu hekk li l-istess (Bartolo) ma jafx liema huma l-fatturi li in konnessjoni maghhom is-socjeta attrici qed t’vanta xi drittijiet mid-dokumenti annessi mal-att tac-citazzjoni ma jirrizultawx, stante illi d-Dokument C ezebit a Fol 14 tal-process juri l-bilanc dovut fuq l-invoices sas-16 ta’ Dicembru 1998 u dawk minn Fol 13 l-ammont dovuti fuq l-invoices individwali ta’ bejn 2 ta’ Marzu 1999 u 28 ta’ Gunju 1999.

v) Tant ghandha x'tirrileva s-socjeta attrici f'dan l-istadju ghar-rigward ta' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta.

Rat id-dikriet taghha tat-13 ta' Ottbru 2000 li bih is-socjeta' konvenuta giet ammessa biex tippresenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha.

Semghat lil Brian Spiteri msejjah mis-socjeta' konvenuta.

Semghat lil Richard Schembri prodott mis-socjeta' attrici.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta' attrici.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-artikolu 156 tal-Kap.12 jirrikjedi, fis-subartikolu (1) (a), li c-citazzjoni tkun tikkontjeni "tifsir car u sewwa tal-oġġett u r-raguni ta' t-talba." Hu prinċipju stabbilit mill-Qrati taghna li fejn possibbli l-atti jiġu ssanati minħabba l-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex ma tiġix imfixkla l-ġustizzja minħabba formalità żejda, aktar u aktar meta t-talba tista tiġi dedotta u mifhuma meta titqies fl-interità tagħha.

Kif tirrileva s-soċjetà konvenuta, hemm rimedju li sallum s-socjeta attrici ghazlet li ma ssegwix, u cioe' dik li titlob li jsir bdil jew korrezzjoni fl-iskritturi skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-Kap.12. Il-Qorti ma tistax minn jeddha tikkoreġi t-talba, iżda tista' u għandha d-dmir li tipprova tifhimha. In effett, f'dan il-kaz, fix tikkonsisti t-talba jirriżulta mill-istess ċitazzjoni u minn atti ohra tal-kawza. Effettivament saru ukoll noti mill-partijiet f'dan ir-rigward u dan sabiex jiġi miftiehem kif is-socjeta' attriċi waslet għall-ammont li qed jintslab. Konsegwentement il-Qorti m'ghandix tiddikjara ċ-

ċitazzjoni nulla. It-talba hija dedotta b'mod ċar u cioe' li s-soċjetà konvenuta "tiġi kkundannata tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlitt elef u mija u sebgħa u disgħin liri maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (Lm3197.25)." Il-prova dwar kif is-socjeta' attrici waslet għal dan l-ammont pjuttost tappartjeni ghall-meritu u mhux ghal kwestjoni ta' nullità o meno ta' l-atti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, it-talba hi ċara u ma hemmx lok għal inċertezza dwar dak li qed jintalab cioe' l-ħlas ta' bilanċ tal-prezz għal prodotti jew servizzi reżi lis-soċjetà konvenuta mis-socjeta' attrici. Li jinftiehem dan hu biżżejjed biex ic-citazzjoni ma tigix ritenuta li hi nulla. Semmai l-eccezzjoni kellha tirrigwarda l-ammont li qed jintalab jew kif is-socjeta' attriċi waslet ghal dik is-somma.

F'dan ir-rigward il-Qorti kkonssidrat ukoll id-deposizzjoni tax-xhud Brian Spiteri, awditur, u li gie msejjah mis-soċjetà konvenuta. L-imsemmi xhud ikkonferma li kien hemm ammonti dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attriċi kif jirrizulta minn ittra tieghu stess li tinsab fol.15. Di piu' in-nota spjegattiva tas-soċjetà attriċi tindika b'mod ċar u sempliċi kif waslet għall-ammont li qed jintalab f'din ic-citazzjoni.

Din il-Qorti eżaminat il-ġurisprudenza li jirreferu l-partijiet għaliha fis-sottomissjonijiet tagħhom. Kif tirrileva s-soċjetà attriċi, skond is-sentenza fl-ismijiet Guido J Vella A&C.E vs Dr Emanuel Cefai (Qorti tal-Appell) "in-nullita' ta' l-atti gudizzjari hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi imposta biss meta n-nuqqas, formali jew sostanzjali, fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali." Hekk ukoll f' Emmanuel Ellul vs Agnes Gera De Petri (iċċitata ukoll mis-socjeta' attrici) jinghad li "in-nuqqas lamentat mill-appellata huwa sempliċi nuqqas ta' dettalji li għalkemm importantissimi f'din il-kawża bl-ebda mod ma jirrendu ċ-ċitazzjoni konfuża u għalhekk nulla." Il-każ in eżami huwa eżempju ta' nuqqas ta' dettall, li pero' jista jigi sanat u dan fl-interessi tal-ġustizzja. Li kieku dawn il-Qrati jippronunzjaw ruhhom

mod ieħor, kull min ikollu dejn ma’ terzi jkun jista’ jittanta jaħrab minnu billi joħloq konfużjoni huwa stess biex jittanta jgħid li att promotur ta’ kawża huwa null.

Hekk ukoll is-sentenza Marlene Vella vs Av Dr Antoine Gambin et (Prim Awla Qorti Civili, 26 ta’April 200) iritenit dwar l-imsemmi artikolu 156 tal-Kap.12: li “tali disposizzjoni tal-ligi rceviet fil-gurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens li ma giex adottat ir-rigur li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi” kif ukoll is-sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili, Avv. Dr Carol Moore noe. vs Perit C Falzon, tal-15 ta’ Dicembru 1955 fejn intqal “u ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem patikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni. Hu bizzejjed li jifthiem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b’mod li l-kawzali tista’ tkun espressa lakonikament u saħansitra tista’ tkun anke ridotta mid-domanda” u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili fl-ismijiet Carmelo Bonnici vs Eucharistic Zammit, tal-20 ta’ Jannar 1986 fejn gie ritenut “illi l-art.156 (1) jipprovdi li l-oġġetti u r-raguni tat-talba guridizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero’ li kwalunkwe nuqqas da parte ta’ l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta’ l-Art 155(1) (illum 156(1) tal-Kap.12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b’mod li l-konvenut ikun jista’ jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita’ taghha u mhux spezzattata.”

Ċertament, hawnhekk mhux il-każ li ċ-ċitazzjoni hi kolpita minn xi gravità li tista’ timporta n-nullità tagħha. It-talbiet huma ċari u inekwivoċi u inoltre hemm kontestazzjoni dwar l-ammont mitlub. In vista tal-premess l-ewwel eċċezzjoni konvenuta rigwardanti n-nullita’ tac-citazzjoni timmerita li tiġi miċħuda.

Fit-tieni eċċezzjoni s-socjeta’ konvenuta tissolleva l-kwestjoni li skondha s-servizzi ma ġewx reżi jew ġew reżi b’mod ħażin. Hu zgur li dan ma jirriżultax mill-provi prodotti. In effett ma gewx prodotti dokumenti li jistghu

jitqiesu li jipprovaw dak li qed issostni s-socjeta' konvenuta. Inoltre ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta qatt ilmentat dwar il-kwalita' tas-servizzi provduti mis-socjeta' qabel ma gew presentati dawn il-proceduri. Il-fatt li jidher li f'dan l-istadju biss is-socjeta' konvenuta qed tghid li x-xoghol tas-socjeta' attrici ma kienx adegwat u ma lmentatx dwar dan fl-istadju propju meta kellhom isiru tali kontestazzjonijiet. Kwindi anke din it-tieni eccezzjoni timmerita li tigi michuda.

Għal ragunijiet premessi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta jimmeritaw li jigu rigettati u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi kollha tiddecidi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u kwindi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef mija u seba u disghin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm3197.25) ekwivalenti ghal euro seba telef erba mija u disa u erbghin u disa u hamsin centezmi (€7449.59) rappresentanti il-bilanc dovut fuq il-prezz ta' xoghol ta' stampar effettwat mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenut, bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------